**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Settembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1234/2007 AF**

**Ronald Azzopardi**

**vs**

**Giovanni Briffa**

**Emanuel Briffa**

**u ghal kull interess illi jista' jkollha Mariella Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Ronald Azzopardi li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimat Giovanni Briffa huwa detentur ta’ 29 kambjala lkoll datati 30 ta’ Novembru 1994, iffirmati mir-rikorrenti a favur tal-intimat Emanuel Briffa (missier l-intimat l-iehor Giovanni Briffa) fl-import komplessiv ta’ zewg miljuni mija u tnax-il elf Lira Maltin (Lm2,112,000) u cioè,

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm134,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. GB1;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm72,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. GB2;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm150,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. GB3;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm150,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. GB4;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm300,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA1;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm300,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA2;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm300,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA3;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm100,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA4;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA5;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA6;

- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA7;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA8;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA9;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA10;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA11;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA12;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA13;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm50,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA14;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm10,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA15;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm10,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA16;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm10,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA17;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm10,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA18;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm10,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA19;
- Kambjala ghas-somma ta’ Lm10,000, kopja ta’ liema hija esebita bhala Dok. RA20;

- Kambjala ghas-somma ta' Lm10,000, kopja ta' liema hija esebita bhala Dok. RA21;

- Kambjala ghas-somma ta' Lm10,000, kopja ta' liema hija esebita bhala Dok. RA22;

- Kambjala ghas-somma ta' Lm10,000, kopja ta' liema hija esebita bhala Dok. RA23;

- Kambjala ghas-somma ta' Lm10,000, kopja ta' liema hija esebita bhala Dok. RA24;

- Kambjala ghas-somma ta' Lm6,000, kopja ta' liema hija esebita bhala Dok. RA25.

L-intimat Emanuel Briffa iggira l-imsemmija kambjali lil ibnu l-intimat l-iehor Giovanni Briffa.

Kif jigu pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-import komplessiv tal-kambjali fuq imsemmija jinkludi ammont sostanzjali ta' uzura, kif ukoll illi whud mill-kambjali huma nieqsa minn kull causa skond il-ligi u l-ammont komplessiv tal-import tal-kambjali kollha fuq imsemmija huwa eccessiv u jikkomprendi imghax b'rata oltre dik permissibbli mill-ligi.

Ir-rikorrenti kien ukoll ghamel pagamenti akkont tal-ammont komplessiv tal-imsemmija kambjali.

L-intimat Giovanni Briffa kien komplici ma' missieru l-intimat l-iehor Emanuel Briffa kemm fis-self moghti minn Emanuel Briffa lir-rikorrenti u fin-negozji kollha (komprizi laqghat) bejn missieru Emanuel Briffa u r-rikorrenti kif ukoll fir-redigar tal-kambjali fuq imsemmija billi ta' pariri assista u ghen lill-istess Emanuel Briffa f'dan kollu.

Sabiex ir-rikorrenti jkollu diffikultà biex jikkontesta l-ammont tal-kambjali, l-intimati Emanuel Briffa u ibnu Giovanni Briffa ftehmu illi l-kambjali jigu ggirati favur l-intimat Giovanni Briffa u dan bi frodi tal-istess rikorrenti u biex jeludu d-drittijiet tar-rikorrenti, u tabilhaqq l-intimat Giovanni Briffa pprezenta zewg ittri ufficcjali datati 24 ta' Frar 2006 sabiex jirrendi l-imsemmija

kambjali titoli ezekuttivi u fil-proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti istitwiti mir-rikorrenti fl-20 ta' Marzu, 2006 sabiex dina l-Onorabbli Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-istess kambjali l-intimat Giovanni Briffa qed isostni li minhabba l-giri r-rikorrenti ma jistax jikkontesta l-ezekuzzjoni ta' kambjali girati u s-semma r-rikorrenti ghandu jiehu passi kontra Emanuel Briffa.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-import tal-kambjali fuq imsemmija jikkomprendi ammonti li jikkonstitwixxi uzura u / jew ammonti minghajr causa skond il-ligi f'dak l-ammont li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.

2. Tiddikjara illi Giovanni Briffa kien komplici mal-imsemmi Emanuel Briffa kemm fis-self moghti minn Emanuel Briffa lir-rikorrenti u fin-negozji kollha (komprizi laqghat) bejn missieru Emanuel Briffa u r-rikorrenti kif ukoll fir-redigar tal-kambjali fuq imsemmija billi ta pariri, assista u ghen lill-istess Emanuel Briffa f'dan kollu.

3. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, illi l-kambjali gew girati mill-intimati Emanuel Briffa lill-intimat Giovanni Briffa accettanti sabiex jeludu d-drittijiet tar-rikorrenti li jikkontesta l-import ta' kull kambjala kif ukoll l-import komplessiv tal-kambjali fuq imsemmija.

4. Tiddikjara ghalhekk illi l-giri tal-kambjali huwa null u bla effett fil-konfront tar-rikorrenti.

5. Tiddikjara u tillikwida l-ammont komplessiv li l-kambjali kif ukoll l-ammont partikolari li kull wahda mill-istess kambjali, ghandhom jirriflettu bhala l-ammont dovut u ezigibbli.

6. Tiddikjara dawk il-kambjali li jirrizultaw lil dina l-Onorabbli Qorti bhala nieqsa minn causa skond il-ligi bhala nulli u bla effett.

7. Tordna lill-intimati Giovanni Briffa u Emanuel Briffa biex ma jiggirawx l-imsemmija kambjali lil terzi.

8. Tordna lill-intimati Giovanni Briffa u Emanuel Briffa biex ma jaghmlux uzu minn dawk il-kambjali dikjarati nuli u bla effett u li fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti jirritornaw l-istess kambjali lir-rikorrenti.

9. Tordna lill-intimati Giovanni Briffa u Emanuel Briffa ma jaghmlux uzu mill-imsemmija kambjali jekk mhux skond u ghall-ammonti dikjarati dovuti minn dina l-Onorabbli Qorti.

B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni kontra l-intimati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Emanuel Briffa u Giovanni Briffa, li huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Emanuel Briffa u Giovanni Briffa, li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, mill-qari tar-rikors hekk kif impostat, l-intimat Emanuel Briffa mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju "inter alia" stante l-fatt illi l-kambjali in kwistjoni kienu gew legittimament girati fuq terz ai termini tal-ligi u kwindi akkwistaw karattru awtonomu f'idejn it-terz possessur Giovanni Briffa.

Dejjem in linea preliminari, jigi rilevat illi f'dan ir-rikors guramentat, ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-kambjali ezistenti huma milquta b'uzura, f'mument meta l-istess rikorrent ghandu zewg rikorsi bin-numri 230/06 LFS u 231/06 LFS pendenti quddiem din l-istess Qorti diversament presjeduta fejn l-istess Qorti intalbet tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali proprju a bazi tal-istess allegazzjoni ta' uzura.

Fil-meritu, l-ewwel talba tar-rikorrent hija nfondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dan stante illi l-kambjali in kwistjoni ma jikkomprendux ammonti ta' uzura u/jew ammonti minghajr causa kif allegat.

Filwaqt illi huwa minnu illi l-intimat Giovanni Briffa ghen lil missieru Emanuel Briffa fin-negozju illi dan tal-ahhar kellu mar-

rikorrent Ronald Azzopardi, bl-ebda mod dan ghandu jfisser illi kien komplici fl-allegazzjoni, del resto nfondata, msemmija mir-rikorrent fit-tieni talba tieghu.

It-tielet talba qed tigi michuda bhala totalment inveritjera, bla bazi u addirittura qarrieqa u dan stante l-fatt illi Emanuel Briffa dawwar il-kambjali fuq ibnu Giovanni ghar-ragunijiet personali tieghu li sejrin jigu msemmija fil-kors ta' din il-kawza – azzjoni illi possessur ta' kambjala ghandu kull dritt illi jaghmel – u bl-ebda mod sabiex jeludu d-drittijiet tar-rikorrent kif qed jinghad.

Il-kambjali gew debitament iffirmati u accettati mir-rikorrenti bhala rikonoxximent tal-ammonti lilu moghtija matul is-snin u kwindi r-raba', l-hames u s-sitt talbiet tar-rikorrent huma talbiet nfondati mressqa biss sabiex ir-rikorrent jipprova jirbah iktar zmien u jevita illi jonora l-obbligi kummercjali tieghu.

Is-seba', tmien u disa' talbiet tar-rikorrent, filwaqt illi ma jregux fil-konfront tal-intimat Emanuel Briffa li m'ghadx ghandu l-pussess materjali tal-kambjali, ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-intimat Giovanni Briffa stante illi, kif intqal iktar 'l fuq, Giovanni Briffa huwa l-pussessur legittimu tal-kambjali u ghandu kull dritt illi jaghmlu uzu minnhom kif jixtieq inkluz illi jiggirhom fuq terzi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi jekk ikun il-kaz.

Rat li Mariella Azzopardi baqghet ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza u lanqas qatt ma dehret u b'hekk baqghet fi stat ta' kontumacja.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha.

Rat li fl-10 ta' Diċembru 2015, ir-rikorrenti irtira t-talba numru 5 fir-rikors guramentat tieghu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, Ronald Azzopardi qieghed jitlob lil din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar l-effetti ta' diversi kambjali minnu ffirmati a favur ta' Emanuel Briffa (u sussegwentement girati favur iben Emanuel, Giovanni Briffa) liema kambjali jammontaw komplessivament ghal Lm2,112,000 (illum €4,920,960).

Essenzjalment ir-rikorrenti jsejjes it-talba tieghu fuq il-fatt li, skond hu, l-istess kambjali jikkomprendu ammonti ta' flus li jirrapprezentaw imghax oghla minn dak permess mill-ligi u, galadarba "imcappsa" bl-uzura, ma jghoddux. Jghid ukoll li hemm ammonti li mhux tassew issellfu.

Jirrizulta illi tul perjodu ta' diversi snin Emanuel Briffa silef diversi ammonti ta' flus lil Ronald Azzopardi. Qieghed jinghad illi sal-5 ta' Settembru 1994 kienu digà saru "various cash advances" li sa dak iz-zmien gew kalkolati li kienu jammontaw ghal Lm314,588. Dan jirrizulta mill-ewwel dokument iffirmat mill-partijiet. Wara dan Ronald Azzopardi baqa' jissellef regolarment minghand Emanuel Briffa. Is-self jirrizulta dokumentat f'xi okkazjonijiet biss. Ghalkemm kienu jsiru xi hlasijiet lura, il-partijiet ma qablux dwar dan. Ftehmu fuq figura "ghad-dritt" ta' Lm1,400,000 (Dok. GB6 a fol. 86) u saret skrittura f'dan is-sens fl-1 ta' Frar 2003. Zmien wara gew iffirmati l-kambjali mertu ta' din il-kawza. Il-kambjali gew moghtija d-data tat-30 ta' Novembru 1994 u Emanuel u Giovanni Briffa jsostnu li jkopru l-bilanci kollha.

Il-Qorti tibda billi tiskarta addirittura l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimati li jsostnu li Emanuel Briffa ma messux tharrek f'din il-kawza ladarba l-kambjali kienu gew girati ghal fuq Giovanni Briffa.

Il-Qorti tqis li, għalkemm huwa minnu, kif kostantement meqjus minn dawn il-Qrati, illi kambjala takkwista awtonomija meta tiġi ġirata, dan ma jibqax jgħodd meta l-istess obbligazzjoni li wasslet għall-ħruġ tal-kambjala tkun meqjusa li tivvjola l-ordni pubbliku kif qed jingħad f'din il-kawża. Tant hu hekk illi l-użura hija waħda mill-ftit eċċezzjonijiet permessi f'azzjoni kambjarja. Il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża Vassallo vs Cefai (16 ta' Marzu 2005) fost oħrajn. Fil-kawża odjerna, għalhekk tibqa' f'lokha t-taħrika ta' Emanuel Briffa li kien dejjem involut f'kull negozju li sar ma' Ronald Azzopardi. Kien Emanuel Briffa li dejjem silef il-flus lil Azzopardi u, jekk kien hemm ftehim ta' imgħax ogħla minn dak permess mill-liġi kien hu li daħal fih. Konklużjoni mod ieħor tistultifika kull prinċipju fil-kuntest.

Il-Qorti qegħda mbagħad tqis sorvolata t-tieni eċċezzjoni li permezz tagħha l-intimati talbu lil din il-Qorti tissospendi l-proċeduri stante li kien għadhom pendenti r-rikorsi mressqa minn Ronald Azzopardi għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali mertu ta' din il-kawża. Dawk ir-rikorsi ġew deċiżi ftit xhur wara li nbdiet din il-kawża u fihom il-Qorti kienet laqgħet it-talbiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax, kif diġà kellha okkażjoni tagħmel diversi drabi f'ċirkostanzi simili, kif, sorprendentement, żewġ partijiet it-tnejn midħla sew tad-dinja tan-negozju, qatt ma żammew kotba dettaljati dwar l-ammonti konsiderevoli ta' flus li kienu qed jgħaddu minn id għall-oħra. Il-Qorti ma tasalx biex temmen li l-kalkoli kienu saru fuq biċċa karta jew xi envelope kif jgħidu. Lanqas ma temmen il-Qorti li kollox kien imsejjes fuq l-irgulija, kif jixhed Giovanni Briffa, u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa ta' dokumenti. F'dan ix-xenarju lanqas ma hija konvinta l-Qorti mid-diversi "statements" maħruġa tul iż-żmien. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-kredibilità taż-żewġ partijiet dwar x'seħħ tassew fin-negozju ta' bejniethom hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, sew kompromessa.

Huwa f'dan ix-xenarju li l-Qorti jeħtieġilha tislet provi dwar effettivament x'kien l-ammont misluf u wkoll dak li diġà ntradd, jekk kien hemm. Huwa biss permezz ta' dan l-eżerċizzju li l-

Qorti tista' tasal ghal dik ic-cifra li tassew hija dovuta u li tassew ghandha tintradd in forza tal-kambjali mertu tal-kawza.

Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza Axisa et vs Belli et (24 ta' April 2007):

*"Illi huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-ħlas ta' mgħax f'kuntratt huwa obbligazzjoni fih innifsu. Fil-mutwu, jieħu s-sura ta' obbligazzjoni aċċessorja għas-self innifsu tal-ħaġa funġibbli li sejra tintuża mid-debitur (Ara, Torrente Manuale di Diritto Privato (9a Ediz), par 228, paġġ. 390-1).*

*F'każ bħal dan, l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax jista' jkun wieħed miftiehem minn qabel jew jista' jitnissel bis-saħħa tal-liġi;*

*Illi dwar imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, l-liġi trid (Art. 1852(1) tal-Kap 16) li limgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu (Art. 1852(2) tal-Kap 16). Il-liġi ma tgħidx li l-ebda mgħax ma jkun dovut jew li l-obbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa;*

*Illi għal żmien twil, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet mgħobbija bi ħlas ta' rata ta' mgħax li taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex (**App. Ċiv. 7.3.1955 fil-kawża fl-ismijiet Peplow vs Galea (Kollez. Vol: XXXIX.i.366**). Dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax, imma mhux ukoll għall-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu, li tista' titħassar (Art. 1853 tal-Kap 16), bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta' meta s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jagħrbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' leżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorja;" (ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet* ***Maria***

***Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe* moghtija mill-Qorti talAppell fis-27 ta' Jannar 2017***:

> *"L-użura però, ma twassalx għan-nullità tal-iskritturi. L-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' imgħaxijiet f'izjed minn tmienja filmija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu zejjed". Kwindi, l-użura ma tirrendix l-obbligazzjoni nulla, iżda jkun null l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax b'rata għola mit-8%. Dan joħroġ ċar ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li wara li jgħid li l-imgħax fuq self ma jistax jaqbeż it-8%, jiddisponi li "l-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti" ta' 8%.""*

Il-Qorti ssoktat:

> *"Obbligazzjoni li tipprospetta hlas ta' imghax b'uzura ma hijiex obbligazzjoni msejsa fuq kawza illecita, ghax l-obbligazzjoni ta' self, bhala causa, hija indipendenti mill-obbligazzjoni tal-hlas tal-imghax. F'dan il-kaz, l-obbligazzjoni infisha ghandha causa gusta – self biex tinxtara proprjetà – u l-obbligazzjoni marbuta mal-imghax hija nulla biss ghal dak li hu zejjed 'l fuq mir-rata ta' 8% fis-sena. L-iskritturi in kwistjoni ma jistghux, ghalhekk, jitqiesu bla ebda effett fil-ligi."*

Kif iddikjarat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Tonna vs Bartolo (2 ta' Marzu 1942),

> *"Illi ghalhekk huwa mehtieg illi jkun ezaminat jekk meta saret din il-kambjali sarx xi zball ta' kalkolu ..., jew anke jekk ma sarx zball, id-debitur, peress li kellu interess li jiehu zmien u ssir kambjali ohra, ma qaghadx jezamina partitament u bl-ezatezza kollha s-somma bilancjali kemm kellha tkun, u allura wiehed jaqa' fil-materja tal-uzura; ghaliex mhumiex rari l-kazijiet meta debitur, biex jiehdu zmien minghand il-kreditur taghhom, jaccettaw ammonti ezagerati, li jkunu qeghdin jghattu ammonti ta' uzura projbita mill-ligi. U anki fuq dan il-pont il-Qorti, li ghandha dejjem f'dawn il-kazi toqghod wisq attenta jekk hemmx xi somma ta' uzura moghtija xi isem iehor, ghandha tipprocedi ghall-ezami tal-kwistjoni involuta."*

Jirrizulta pruvat illi l-imghax fuq is-self dejjem gie kalkolat bit-12%. Dan il-fatt gie ammess mill-partijiet f'din il-kawza, inkluz l-istess intimati li jsostnu li kull dokument esibit in atti li juri kalkolu ta' imghax ta' 12% ma ntuzax fil-kalkoli li wasslu ghall-iffirmar tal-kambjali. F'dan ukoll, il-veracità hija sospetta. B'hekk il-Qorti ma jibqaliex triq ohra hlief li tistrieh fuq dawk l-ammonti mislufa li huma dokumentati jew ammessi. Il-Qorti tinnota inoltre l-kontenut tan-nota tar-rikorrenti (in atti a fol. 611) fejn l-istess rikorrenti ddikjara li mhuwiex posizzjoni jghid b'certezza l-quantum ta' dak minnu dovut.

Jirrizultaw dokumentati s-segwenti transazzjonijiet:

1. Lm100,000 (Dok. GB1 a fol. 78 fis-16 ta' Settembru 1999);
2. Lm15,000 (Dok. GB2 a fol. 80 fis-16 ta' Gunju 1999);
3. Stg £7,000 (Dok. GB3 a fol. 81 – 82 fl-24 ta' Novembru 2000);
4. Stg £275,000 (Dok. GB4 a fol. 83 fis-17 ta' Jannar 2002).

Ma dawn il-Qorti tqis ukoll pruvata wkoll ic-cifra ta' Lm314,588 li kienet originarjament dovuta minn Ronald Azzopardi u Jean Borg u li dwarha sar il-ftehim, ta' "pledge of shares" fil-5 ta' Settembru 1994, liema obbligazzjoni assuma personalment Ronald Azzopardi fis-16 ta' Gunju 1999. Ghalkemm il-Qorti tinnota li hawn ukoll ir-referenza ghal "various cash advances" hija vaga, tqis illi l-fatt li saret tramite is-servizzi ta' konsulent legali jista' ragonevolment jeskludi li kienet ukoll afetta bl-uzura.

Ghalhekk din il-Qorti tqis pruvata s-somma totali tas-self hija ta' Lm429,000 u £281,000 Sterlina.

Minn naha tieghu, Ronald Azzopardi jsostni li huwa effettwa xi pagamenti tul iz-zmien. Huwa mghallem fil-kuntest illi:

> *"(1) Huwa principju pacifiku illi l-piz ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan ghaliex una volta eccepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b' mod konvincenti u konklusiv. Ara "Joe Chetcuti et -vsJoseph Pearson et nomine", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;*

*(2) Huwa mbaghad pacifikament maghruf illi "l-pagament jista' jigi pruvat bilmezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant" - "Emmanuele Bezzina -vs- Emmanuele Attard et", Qorti Civili, Prim'Awla, 12 ta' Frar 1959;*

*(3) Hu wkoll generalment accettat, illi f' kaz ta' dubju riferibilment ghal pagament dan kellu jkun rizolt favur l-attur-kreditur li ma kienx aggravat bl-oneru fuq imsemmi. Vide "Angelo Scicluna -vs- John Scerri", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1951, konfermata in sede Appell fid-19 ta' Novembru 1951." -* ((Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza Johann Schembri pro et noe vs Charlot Mifsud datata 19 ta' Ottubru 2005).

Jirrizulta pruvat illi Ronald Azzopardi hallas lura s-somma ta' Lm12,000 u ta' dan il-hlas huwa nghata d-debita ricevuta, esibita in atti a fol. 602. Isostni li ghamel ukoll pagamenti ohra. Madanakollu l-Qorti ma ghandha ebda prova ta' dan. Difficli wiehed jemmen illi ricevuta intalbet u nghatat darba wahda biss meta jinghad li saru diversi hlasijiet ohra.

Ronald Azzopardi jsostni wkoll illi huwa kien jeffettwa ghan-nom ta' Emanuel Briffa hlasijiet ghas-safar u dan meta l-istess Azzopardi kien impjegat ma' agenzija tal-ivvjaggar. Isostni li effettwa hlasijiet komplessivi fl-ammont ta' Lm52,244.68. Gie prezentat in atti (fol. 273 et seq) *statement of account* ta' Emanuel Briffa ma' S. Mifsud & Sons Limited li fih jirrizulta li saru pagamenti ghal dan l-ammont. Madanakollu, ma jirrizultax minn min saru l-pagamenti. Fin-nuqqas ta' din il-prova, l-Qorti ma tistax tqis li l-pagamenti fil-kont saru minn Ronald Azzopardi.

Ghar-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, fejn dan qed jitlob dikjarazzjoni li Giovanni Briffa kien komplici ma' missieru, din il-Qorti tqis li r-relazzjoni bejn missier u iben f'dawn in-negozji hija ovvja u già spjegata aktar 'l fuq. Il-komplicità fis-sens legali taghha hija materja essenzjalment kriminali u bhala tali tezorbita mill-funzjonijiet ta' din il-Qorti fil-proceduri odjerni.

Ir-rikorrenti jitlob ukoll dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi l-girata tal-kambjali favur Giovanni Briffa saret sabiex jeludu d-drittijiet tar-rikorrenti li jikkontestahom.  Il-Qorti ma tqisx li din it-talba giet pruvata.  Emanuel Briffa huwa bniedem ta' certa età li kellu pendenti fuqu l-kwistjoni tad-dejn ta' Azzopardi.  Il-Qorti, fin-nuqqas ta' prova mod iehor, ma tqisx inverosimili l-ispjegazzjoni illi l-iben assuma xi negozji ta' missieru meta dan tal-ahhar kiber.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni stante li sorvolata; tichad it-tielet eccezzjoni; tilqa' r-raba' eccezzjoni; tilqa' l-hames eccezzjoni; tichad is-sitt eccezzjoni; tilqa' s-seba' eccezzjoni; tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-import tal-kambjali jikkomprendi imghax oghla minn dak permess mil-ligi; tichad it-tieni talba fis-sens ta' dak li ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza; tichad ir-raba' talba; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li din giet irtirata; tastejni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba; tilqa' s-seba' talba; tichad it-tmien talba; tilqa' d-disa' talba u tordna li Giovanni Briffa u Emanuel Briffa ma jaghmlux uzu mill-kambjali mertu ta' din il-kawza hlief ghall-ammonti ta' Lm417,000 u Stg281,000 ekwivalenti ghal miljun, mitejn u tmenin elf, seba' mija u erbgha u tletin euro u tnax il-centezmu, (€1,280,734.12) bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-dati tas-self kif imsemmija f'din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu kwantu ghal kwart mill-intimati in solidum bejniethom u tlett kwarti minn Ronald Azzopardi.

IMHALLEF

DEP/REG